# ŻWIETEN FIX-XOGĦOL TAL-FAĦAM

**Kitba ta' Joe Mercieca**

Illum il-ġurnata x-xogħol tal-faħam spiċċa għal kollox. Iż-żejt jew id-diesel ħa postu. Iżda dari, sa ftit iżjed minn sittin sena ilu, l-faħam kien jintuża biex iħaddem il-magni tal-bastimenti jew il-magni kbar fuq l-art, bħat-turbini tal-power station biex jipproduċu l-kurrent elettriku. Il-faħam ukoll kien jintuża fid-djar, l-aktar fid-djar tas-sinjuri. Kien jintuża biex iqabbdu l-fuklar għat-tisjir jew biex isaħħnu d-djar fix-xitwa. Il-faħam ukoll kien jintuża fil-ħwienet tax-xogħol, li kienu jagħmlu użu mill-forġa, biex fuqha jsaħħnu l-ħadid u hekk ikunu jistgħu jgħawġuh kif iridu. Xi ftit fran ukoll madwar Malta, kienu jużaw il-faħam biex jaħmu l-ħobż.

Għalhekk il-gżejjer Maltin, billi ma kellhomx din il-materja prima, kien meħtieġ li tiġi mportata. Din l-importazzjoni kienet iġġib ħafna kummerċ fil-gżejjer tagħna. Dan il-kummerċ kien iġib ħafna xogħol fil-portijiet tagħna, kemm minħabba l-pożizzjoni ta' Malta bħala gżira f'nofs il-Mediterran, u kemm bħala bażi tal-flotta Ingliża. Il-faħam f'Malta kien jiġi l-aktar mill-Ingilterra. L-Armirall Ingliż, bħala kap tal-flotta Ingliża f'Malta, kien iġib dan il-faħam biss mill-Ingilterra, waqt li l-aġenti Maltin tal-vapuri, bħal Ta' Bianchi, Ta' Gollcher, Ta' Bajjada u Ta' Parnis, kienu jġibu faħam mhux biss mill-Ingilterra iżda wkoll minn postijiet oħra, bħall-Polonja u bħall-Ġermanja. Kemm l-Armirall kif ukoll l-Aġenti kienu responsabbli mhux biss li jimportaw il-faħam, iżda wkoll li jkollhom ħażna adegwata lesta għal kull neċessita` u emerġenza.

Il-ġarr tal-faħam minn pajjiżi oħra kien isir bil-baħar. Għalhekk l-imħażen tal-faħam kienu kollha madwar il-port, bħall-imħażen ta' Pinto fix-xatt tal-Belt, f'ta' Ċejlu u f'Ras Ħanżir ix-xatt tal-Marsa u fl-Imsida fejn illum hemm il-lukanda "Les Lapins". Meta xi vapur bil-faħam kien jidħol fil-port, dan kien jersaq f'dawn il-postijiet qrib l-imħażen tal-faħam u minn fuq il-vapur il-faħam kien jinħatt bl-idejn. Dan kien xogħol ta' tbatija kbira li kien jitlob mhux biss bżulija iżda fuq kollox irġiel mimlija b'saħħa ta' ġgant. Il-ħaddiema li kienu jaħdmu l-faħam kienu jistgħu jinkitbu jew jiġu rreġistrati kemm ma' l-Armirall u kemm ma' diversi aġenti Maltin. Ir-reġistrazzjoni kienet bl-isem u l-kunjom tal-ħaddiem, kif ukoll bil-laqam tal-familja. Dan il-post kien jintiret fil-familja, għalhekk il-familji tal-ħaddiema tal-faħam kienu lkoll magħrufa fir-raħal tagħhom. Jekk xi żagħżugħ ried jidħol għal dan ix-xogħol, ried juri li hu tassew raġel bieżel, b'saħħtu u rakkomandat minn żewġ ħaddiema oħra li kienu jafuh u jkunu lesti li jidħlu garanti għalih. Qabel ma kien jiġi aċċettat, kellu jagħti prova f'dan ix-xogħol għal diversi xhur jew sena sħiħa.

In-nies tal-faħam kienu l-aktar minn tlett irħula kbar ta' Malta. Dawn kienu miż-Żejtun, minn Ħaż Żebbuġ u minn Ħal Qormi. Dawk il-ħaddiema tal-faħam li kienu jaħdmu ma' l-Aġenti kienu jibdew ix-xogħol minn filgħodu kmieni, minn qabel ma titla' x-xemx sa filgħaxija fit-tard u kultant, meta x-xogħol ikun urġenti anke bil-lejl. Iżda dawk li kienu jaħdmu ma' l-Armirall kellhom il-ħinijiet bħall-ħaddiema tat-Tarzna. Kollha kemm huma kellhom siegħa mistrieħ f'nofsinhar. Iżda bla dubju ta' xejn, l-aktar li kienu jbatu kienu dawk il-ħaddiema li kienu jaħdmu ma' l-Aġenti Maltin tal-vapuri. Dawn ta' l-aħħar kellhom dixxiplina stretta ħafna. Ħadd ma kien jista' jiskarta jew juri xi sinjal ta' għeja, għax kien jispiċċa bla ħlas, jew bi ħlas imnaqqas jew jitkeċċa mix-xogħol.

Dawn il-ħaddiema kienu jmorru kmieni ħafna għax-xogħol. Miż-Żejtun kienu jitilqu bil-mixi fit-3.30 jew l-4.00 ta' filgħodu, mit-triq tal-Qasam (Żejtun-Tarxien) għall-Marsa, jew il-Belt jew l-Imsida. Kull ħaddiem ried ikun fuq il-post tax-xogħol fil-5.00 ta' filgħodu, sajf u xitwa. Meta qabel il-gwerra daħal is-servizz tal-karozzi tal-Linja fiż-Żejtun, dawn il-ħaddiema beda jkollhom servizz dirett għalihom minn ħdejn il-knisja ta' Sant' Anġlu, u lura mill-Marsa minn ħdejn l-istazzjon tal-ferrovija jew minn ħdejn it-telgħa tal-"Cold Stores". Tajjeb ta' min jgħid ukoll, li x'uħud minn dawn il-ħaddiema wara ġurnata xogħol fis-sajf, kienu jippreferu li jorqdu fuq il-vapur, biex filgħodu jkomplu

x-xogħol kmieni, qabel tlugħ ix-xemx. Dawn il-ħaddiema kienu jmorru għax-xogħol il-ġimgħa kollha bis-Sibt b'kollox. Hemm jew m'hemmx vapuri, xorta waħda kienu jbakkru u jmorru għax-xogħol. Jekk kien ikun hemm ix-xogħol kienu jibqgħu hemm, jekk ma kienx ikun hemm ħatt tal-faħam, kienu jiġu ordnati biex isewwu jew iraqqgħu l-qfief jew il-ħbula. Jekk ma kienx ikun hemm xogħol għalihom, kienu jmorru lura lejn darhom għal ħin ta' l-10.00 ta' filgħodu. Li tmur għax-xogħol bil-mixi u għal ħin ta' l-10.00 jgħidulek li m' hemmx xogħol, għax il-vapur ma daħalx, għalina din illum tidher bħala tbatija żejda u bla bżonn, iżda trid tiftakar li f'dawk iż-żminijiet ma kienx hawn il-mezzi ta' komunikazzjoni li għandna illum. Hawn tajjeb ta' min jgħid, li ħafna minn dawn il-ħaddiema tal-faħam, meta ma kienx ikollhom xogħol il-Marsa, x'ħin jerġgħu lura d-dar kienu jmorru jaħdmu r-raba'.

Meta l-ħaddiema tal-faħam kienu jaslu x-xatt, l-ewwel ħaġa li kienu jagħmlu kienet li jfittxu l-"Ganger" li miegħu jkunu se jaħdmu dik il-ġurnata. Il-"Ganger" kien il-kap ta' grupp ta' ħaddiema, u kull grupp ma kienx ikun inqas minn 9 u mhux iżjed minn 13-il ħaddiem. Kull Ganger, minn qabel ma jaslu l-ħaddiema, kien irid ikun jaf fejn jinsab ankrat il-vapur, kemm hemm Gangers bħalu fuq l-istess vapur u kif kien ser jinqasam ix-xogħol bejniethom biex kollox isir b'ordni mingħajr tbatija żejda jew periklu. Kull ħaddiem tal-faħam, kien importanti ħafna għalih, li jkun jaf diversi Gangers u magħhom igawdi l-fama li hu bieżel, ħabrieki u jinġieb ma' sħabu waqt il-ħin tax-xogħol, biex b'hekk ikollu diversi opportunitajiet li jsib ix-xogħol kull darba li jinżel ix-xatt.

Ix-xogħol tal-ħaddiema tal-faħam kien jikkonsisti prinċipalment fil-ħatt u ġarr ta' dan il-materjal iswed minn fuq il-vapuri għal ġewwa l-imħażen u minn ġo l-imħażen għal fuq il-vapuri. Vapur imdaqqas mimli faħam biex jinħatt u jinġarr, kien ikollu bżonn madwar 60 ħaddiem fuqu u fi stivi u madwar 60 ħaddiem ieħor fuq ix-xatt. Il-ħaddiema fl-istivi tal-vapur kienu jimlew il-qfief, oħrajn itellgħuhom fuq il-gverta, fejn kienet tkun armata bħal sodda, u minn fuq din is-sodda, ħaddiema oħrajn, wieħed wara l-ieħor kienu jġorru fuq spallejhom il-qfief u jinżlu bihom minn fuq il-planki għal fuq ix-xatt. Kull qoffa tal-qasab mimlija bil-faħam kienet tiżen 'il fuq minn qantar, bejn 80 u 100 kilo.

Dawn il-planki, twal 40 pied b'wesgħa ta' sittax-il pulzier bi ħxuna ta' ħames pulzieri kienu jservu bħala pont minn fuq il-ġenb tal-vapur u x-xatt. It-twavel kienu jserrħu fuq il-"pusincier" marbutin fis-sod biex il-ħaddiema jżommu l-bilanċ fuqhom. Dawn it-twavel kienu jkunu mħaffrin kull pied mix-xejn għal pulzier, speċi bħal skala biex il-ħaddiema ma jiżolqux u fil-ġenb tagħhom kien ikollhom ħabel li kien iservi bħala poġġaman. Ma' kull vapur kienu jintramaw żewġ passaġġi bit-twavel, waħda għat-tlugħ u oħra għall-inżul tal-ħaddiema. Meta l-vapuri kienu jorbtu 'il barra mix-xatt, bejn il-vapur u x-xatt kienu jpoġġu l-braken biex iservu bħala pont għall-ħaddiema li kienu jġorru l-qfief bil-faħam. Dan kien jiġri l-iżjed fil-Marsa fejn ta' Ċejlu, fejn il-baħar huwa baxx ħafna. Hawn bejn il-vapur u x-xatt kienu jintużaw 4 braken ta' 60 pied il-wieħed.

Meta l-vapur kien ikun għoli, fuq ix-xatt jew fuq il-barkun kienet tintrama "il-kavalletta" bħal strippa kbira u għolja ta' l-injam li kienet isservi biex fuqha jitpoġġew it-tavluni li kienu jserrħu mal-ġenb tal-vapur u t-tavluni l-oħra minn fuq din il-kavalletta jew strippa għal fuq ix-xatt jew il-barkun. Hekk l-għoli tal-vapur kien jitqassam aħjar u l-ħaddiema tal-faħam tonqsilhom it-tbatija. Maż-żmien daħlet sistema oħra tal-ħatt tal-faħam minn fuq il-vapuri. Minflok il-qoffa fl-istivi tal-vapur, bdiet tintuża t-tila (speċi ta' liżar bi drapp b'saħħtu ħafna, 8 piedi bi 8 piedi jew 12-il pied bi 12-il pied), li fuqha l-ħaddiema tal-faħam fl-istivi kienu jimpalaw il-faħam u din wara kienet tittella' bil-vinċ ta' l-isteam u jniżżluha għal fuq ix-xatt jew għal fuq il-barkun. Minn hemm ħaddiema oħrajn kienu jimpalaw il-faħam għal ġol-qfief u oħrajn kienu jġorruhom fuq l-ispallejn għal ġewwa l-imħażen. Hawn ta' min isemmi wkoll dawk in-nies li kienu jtellgħu l-biċċiet tal-faħam li kienu jaqgħu, jew jitwaqqgħu mill-ħaddiema tal-faħam waqt il-ġarr minn fuq it-tavluni. Kienu nies li kienu jersqu b'dgħajsa żgħira mal-ġenb tal-vapur u b'kopp kbir jew "gangmu" kienu jtellgħu dawn il-biċċiet tal-faħam biex wara jbiegħuhom lil xi furnar jew lil xi ħaddied.

Kien xogħol tassew iebes kollu tbatija u għalhekk kien jitlob ħin xieraq ta' mistrieħ. Infatti dawn il-ħaddiema kellhom siegħa mistrieħ bejn nofsinhar u s-siegħa. Kellhom ħin biżżejjed biex jieklu ħobża Maltija friska, li kienu jsibu jixtruha minn fuq ix-xatt, fejn kien ikun hemm diversi bejjiegħa. Dawn kont issibilhom ħobż biż-żejt, bigilla, zalzett jew mazzit, tè jew kafè, u kull kwalità ta' imluħa. B'sitt ħabbiet (ekwivalenti għal żewġ milleżmi tal-lum), ħaddiem kien jixtri ħobża imħawra b'dak kollu li jagħżel u bott kafè. Ħafna minn dawn il-ħaddiema tal-faħam, kienu jixtru bid-dejn u jħallsu wara lil tal-ħanut, meta kienu jitħallsu tax-xogħol tal-faħam. Dawn il-ħaddiema kienu jitħallsu wara li jkunu lestew ix-xogħol kollu minn fuq il-vapur. Il-ħlas kellu prezz fiss, għal kull tunellata faħam ngħidu aħna żewġ xelini (10 cents tal-lum), għal kull tunellata. Dan il-ħlas bit-tunellata kien fiss kemm għall-ħaddiema ta' l-Armirall u kemm għall-ħaddiema ta' l-Aġenti tal-vapuri. Meta l-ganger kien ikollu l-flus f'idejh, dan kien iqassamhom ugwalment bejn il-ħaddiema li kienu taħtu, waqt li għalih kien iżomm sehem u nofs bħala ħlas għar-responsabbiltà li kellu fuq ix-xogħol. Il-ħaddiem tal-faħam bil-flus f'idejh, ried mhux biss jibża' għalihom, iżda bil-għaqal kollu kellu jaħseb biex ifaddal għal meta kien jonqos ix-xogħol mix-xatt, għax kif diġà għidna, mhux kuljum kien ikun hemm vapuri fil-port.

Dawn il-ħaddiema tal-faħam, għalkemm ma kinux organizzati f'xi għaqda jew Union – u hawn ħa nsemmi l-ħaddiema Żwieten – kienu ħaddiema magħqudin bejniethom lesti li jgħinu lil xulxin meta tinħass il-ħtieġa. Hekk meta xi ħadd minnhom kien jimrad fit-tul jew iweġġa' fuq ix-xogħol, kien hemm minn fost dawn il-ħaddiema li kien ikun lest li jidħol minflok sieħbu, biex dan ma jitlifx l-impieg. Kienet drawwa wkoll, fost dawn il-ħaddiema, li meta kienu jitħallsu, kienu joħorġu xi ħaġa żgħira bejniethom biex jgħadduha lil xi armla ta' wieħed minn sħabhom li jkun miet, jew xi ħadd minn fosthom li jkun korra fuq ix-xogħol jew li jkun ilu nieqes mix-xogħol minħabba xi mard fit-tul. Imbagħad fost iż-Żwieten kienet id-drawwa li jaqtgħu xi ħaġa żgħira għall-ispejjeż tal-festi ta' Santa Katerina, li dak iż-żmien kienet issir fil-ġurnata tagħha, fil-25 ta' Novembru, u l-festa l-oħra sekondarja tal-Madonna tad-Duttrina li kienet issir il-Ħadd ta' wara l-festa tal-Qalb ta' Ġesù, li normalment kienet issir fl-ewwel ġimgħat ta' Ġunju. Ħadd minn dawn il-ħaddiema Żwieten ma kien jaħdem f'jum Santa Katerina, għax kienu jibżgħu li jistgħu jweġġgħu fuq ix-xogħol, minħabba li jkunu naqsu li jagħtu ġieh lill-patruna tagħhom f'jum il-festa tagħha. Il-ġbir għal dawn iż-żewġ festi fiż-Żejtun, kien isir regolarment minn fost dawk il-ħaddiema tal-faħam li kienu jaħdmu ma' l-Armirall. Kull ganger kien jaqta' bejn wieħed u ieħor madwar 10 cents minn kull ħlas li l-ħaddiema jkunu se jirċievu għax-xogħol li jkunu wettqu u lestew fuq il-vapur tal-faħam. Hekk kull ħaddiem, ikun qed jaqta' daqs sold (kważi 4 milleżmi tal-lum) mill-ħlas li jkun se jirċievi. Dan il-ġbir fost il-ħaddiema tal-faħam, ilkoll Żwieten ħaddiema ma' l-Armirall kien organizzat b'mod li dawk minnhom li kienu jaħdmu abbord fuq il-vapuri kienu jiġbru għall-festa ta' Santa Katerina waqt li dawk li kienu jaħdmu "along sight", jiġifieri ta' fuq ix-xatt, kienu jiġbru għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina. Kull ġbir li kien isir kien jingħata lill-prokuraturi rispettivi, u dawn minn naħa tagħhom, darba fis-sena, kienu jagħtu xi tifkira lil dawn il-ħaddiema, bħal xi kuruna tar-rużarju jew xi santa kbira u sabiħa tal-patruna jew tal-Madonna. Bis-saħħa ta' dan il-ġbir, mhux biss il-ħaddiema kienu jgħinu fl-ispejjeż tal-festa, iżda wkoll minn dan il-ġbir tagħhom saru diversi opri, bħal dawk l-istatwi u pedistalli ta' l-injam li għadhom jintużaw sal-lum biex iżejnu z-zuntier fil-festa ta' Santa Katerina. Żewġ opri oħra li saru mill-ġbir fost dawn il-ħaddiema huma: il-bieb il-kbir ta' l-injam tal-knisja parrokkjali u l-paviment ta' l-irħam quddiem l-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Dawn l-istess ħaddiema tal-faħam mill-ġbir tagħhom sar il-paviment tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena fl-1937, meta Dun Spir Grixti kien il-prokuratur. Xhieda ta' dan hija l-irħama fl-art, int u dieħel mill-bieb il-qadim ta' din il-knisja. Bejn dawn l-istess ħaddiema Żwieten, kienet teżisti ċerta pika bejn dawk li jżommu ma' Santa Katerina u dawk li jżommu ma' Tad-Duttrina. Din il-pika kienet tinħass, u tidher mhux biss fil-ġbir iżda wkoll fl-isparar

u t-tiżjin tat-toroq fil-ġranet tal-festi. Ġrajja li għada ħajja fostna ż-Żwieten hija meta fl-1929 l-istatwa ta' Santa Katerina kienet ġejja minn naħa tal-Belt Valletta fejn kien sarilha xi restawr. X'ħin appena din l-istatwa waslet il-Marsa, il-ħaddiema tal-faħam, ilkoll Żwieten, ingħaqdu u telqu minn fuq il-post tax-xogħol u kollhom entużjażmu ħadu fuq spallejhom lill-patruna tagħhom Santa Katerina saż-Żejtun.

Illum il-ġurnata dawn il-ħaddiema spiċċaw, jew aħjar sparixxew mix-xena lokali tax-xogħol, għax l-użu tal-faħam spiċċa għal kollox. Xeni bħal dawk tal-ħatt tal-faħam fil-portijiet tagħna, żgur li m'aħniex se naraw bħalhom, għax illum kieku kellu jerġa' jiġi mportat dan il-materjal (bħal ma sar ftit tas-snin ilu biex jintuża fil-power station minflok iż-żejt li kien għola fil-prezz) żgur li kien jintuża makkinarju li jħaffef ix-xogħol u jeskludi kull tbatija bħal dik tal-ħaddiema tal-faħam ta' dari. Jiena nemmen, u hu xieraq ħafna, li dawn il-ħaddiema għandhom jibqgħu mfakkra għall-kontribut li taw lis-socjetà Maltija bix-xogħol siewi tagħhom, frott il-bżulija, is-saħħa fiżika u t-tbatija kbira li batew biex qalgħu l-ħobża ta' kuljum. Għalhekk nixtieq nispiċċa, billi nitlob lill-Kunsill Lokali biex jikkonsidra s-suġġeriment tiegħi, u jekk jaqbel nixtiequ jitlob lill-awtorijiet ċivili, biex isemmu triq fiż-Żejtun għall-Ħaddiema tal-Faħam.

**Joe Mercieca**

*15 ta' Jannar 2003. Mitt sena mill-jum it-twelid ta' missieri, li bħala ħaddiem tax-xarabank, min jaf kemm ġarr minn dawn il-ħaddiema lejn il-Marsa.*

*Nixtieq ukoll inrodd ħajr lil missier il-mara, Mikiel Camilleri, li għamel snin jaħdem il-faħam u li minn għandu ħadt ħafna tagħrif fuq dan ix-xogħol.*


Cassar Service Station

Auto Parts & Accesories

V.R.T. Service for

Trucks & Cars

25th November Avenue, Żejtun

Tel: 21 69 50 14 • Fax: 21 80 16 56